DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 116/2007

tat-28 ta' Settembru 2007

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 91/2007 tas-6 ta' Lulju 2007 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/230/KE tat-12 ta' April 2007 dwar formola li tikkonċerna l-leġiżlazzjoni soċjali b'rabta ma' l-attivitajiet ta' trasport bit-triq ([2]) għandha tiġi inkoporata mal-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 21a (id-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fl-Anness XIII mal-Ftehim:

"21aa. **32007 D 0230**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/230/KE tat-12 ta' April 2007 dwar formola li tikkonċerna l-leġiżlazzjoni soċjali b'rabta ma' l-attivitajiet ta' trasport bit-triq (ĠU L 99, 14.4.2007, p. 14)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni 2007/230/KE fl-ilsien Iżlandiż u Norveġiż, li għandhom jiġu ppublikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-29 ta' Settembru 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Settembru 2007.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Stefán Haukur JÓHANNESSON

([1]) ĠU L 328, 13.12.2007, p. 40.

([2]) ĠU L 99, 14.4.2007, p. 14.

(*) Mhuwa indikat ebda rekwiżit kostituzzjonali.